

Brussell, 12 ta' Ottubru 2022
(OR. en)

13505/22

SOC 563
EMPL 386

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill
Suġġett:	Bord tat-Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol Ħatra tas-Sur Tobias SONNWEBER, membru għall-Awstrija, minflok is-Sa Stephanie PROPST, li rriżenjat

1. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ġie infurmat bir-riżenja tas-Sa Stephanie PROPST bħala membru tal-Bord tat-Tmexxija tal-Fondazzjoni msemmija hawn fuq fil-kategorija tar-rappreżentanti ta' min iħaddem (għall-Awstrija).
2. Skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2019/127 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Fondazzjoni Ewropea għat-titjib tal-kondizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol (Eurofound), u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1365/75, il-membri tal-Bord tat-Tmexxija jinħatru mill-Kunsill.

3. F'konformità mal-proċedura tas-soltu, l-organizzazzjoni ta' min iħaddem BusinessEurope nnominat lill-kandidat li ġej għal dan is-siġġu għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-31 ta' Marzu 2023:

Is-Sur Tobias SONNWEBER
Industriellenvereinigung (Federazzjoni tal-Industriji Awstrijaċi)
Bereich Arto, Soziales und Gesundheit
Schwarzenbergplatz 4
1010 Wien
Tel: +43 1/711 35-2651
Posta elettronika: tobias.sonnweber@iv.at

4. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jirrakkomanda li l-Kunsill:

- (a) jadotta, bħala punt "A", id-Deċiżjoni tal-Kunsill mehmuża li tissostitwixxi membru tal-Bord tat-Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol, u
- b) jordna l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni, għall-informazzjoni, f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta'

li tissostitwixxi membru

tal-Bord tat-Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 2019/127 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Jannar 2019 li jstabbilixxi l-Fondazzjoni Ewropea għat-titjib tal-kondizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol (Eurofound)¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

- (1) Fid-Deċizzjonijiet tiegħu tad-9 ta' April 2019², tal-25 ta' Ġunju 2019³, tat-8 ta' Lulju 2019⁴, tas-16 ta' Settembru 2019⁵ u tal-14 ta' Ġunju 2021⁶, il-Kunsill ħatar lill-membri u l-membri supplenti tal-Bord tat-Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol għall-perjodu mill-1 ta' April 2019 sal-31 ta' Marzu 2023.
- (2) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sa Stephanie PROPST, sar vakanti siġġu ta' membru fil-kategorija tar-rappreżentanti ta' min iħaddem.
- (3) L-organizzazzjoni ta' min iħaddem BusinessEurope nnominat kandidat għas-siġġu vakanti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ ĠU L 30, 31.1.2019, p. 74.
² ĠU C 135, 11.4.2019, p. 1.
³ ĠU C 216, 27.6.2019, p. 1.
⁴ ĠU C 232, 10.7.2019, p. 3.
⁵ ĠU C 314, 18.9.2019, p. 2.
⁶ ĠU C 234 I, 17.6.2021, p. 1.

Artikolu 1

Is-Sur Tobias SONNWEBER huwa b'dan maħtur membru tal-Bord tat-Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol minflok is-Sa Stephanie PROPST, għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-31 ta' Marzu 2023.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi

Għall-Kunsill
Il-President